Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 132 / 2017

Il-Pulizija

Vs

Alessandro Marcuzzo

Illum 26 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Alessandro Marcuzzo detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 156793 A, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it-13 ta' Seftembru 2016, ghall-habta ta' 22.48hrs, bhala l-persuna responsabbli mill-istabbiliment bl-isem 'Yard 32' gewwa 32 / 33, Strada Stretta, il-Belt Valletta:

1. Qieghed imwejjed jew siggijiet f' xi triq biex jinghata servizz t' ikel u xorb f' xi gurnata jew granet specjali jew specifici minghajr il-permess tal-kunsill lokali.

2. Naqas Ii jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi tal-Ivjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-17 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 43 (1) (b) tal-Kap. 409, tal-Ligijiet ta' Malta, irrizulta: Multa ta' € 1,164.69.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Alessandro Marcuzzo, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront tieghu fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna) v. Alessandro Marcuzzo deciza nhar is-17 ta' Marzu, 2017, u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kuIl imputazzjoni u htija.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju ta' l-appellanti huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

**1. L-Ewwel Aggravju — L-aggravju ta' natura legali**

1.1. It-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-appellanti kienet fis-sens illi talli nhar it-13 ta' Settembru, 2016 ghall-habta ta' 22.48 hrs bhala l-persuna responsabbli mill-istabiliment bl-isem "Yard 32" gewwa 32, 33, Strada Stretta, il-Belt Valletta l-appellanti naqas milli jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta jew xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja;

1.2. Il-fatt li ta lok ghal tali imputazzjoni kif jirrizulta kemm mill-affidavits ta' PC 1567 u PC 1253 esebiti mill-prosekuzzjoni kif ukoll mill-ewwel imputazzjoni

(li giet irtirata) kien illi allegatament l-appellanti qieghed siggijiet u mwejjed fi triq minghajr permess;

1.3. Id-difiza ta' l-appellanti ta' natura legali hija fis-sens illi anke kieku stess kellu jinghad gratia argomenti illil1-fatti huma dawk mistqarra mill-prosekuzzjoni u cioè illi l-appellanti qieghed siggijiet u mwejjed fi triq minghajr permess, tali fatt ma jista' qatt isawwar l-element materjali tar-reat kontemplat mill-artikolu 43 (1) (b) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta li tieghu instab hati l-appellanti. Dana ghas-semplici raguni illi — jerga' jinghad, anke kieku stess kellu jinghad gratia argomenti illi l-fatti huma dawk mistqarra mill-prosekuzzjoni u cioè illi l-esponenti qieghed siggijiet u mwejjed fi triq minghajr permess — l-appellanti la naqas li jhares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-lvvjaggar u tat-Turi±mu ghal Malta u lanqas naqas li jhares xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni ohra li ghaliha tkun suggetta l-licenzja;

1.4. Dana qieghed jinghad ghaliex l-ebda disposizzjoni ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-lvvjaggar u tat-Turizmu ghal Malta ossija Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta ma tghid illi persuna ma ghandhiex tqieghed siggijiet u mwejjed barra minghajr permess;

1.5. Inoltre dana qieghed jinghad ukoll ghaliex il-licenzja esebita mir-rapprezentant ta' l-Awtorità ta' Malta dwar it-Turizmu, il-Prokuratur Legali Quentin Tanti, imkien ma fiha kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni illi giet miksura mill-appellanti;

1.6. Tabilhaqq jekk il-fatt li ta lok ghall-proceduri kriminali kien illi l-appellanti qieghed siggijiet u mwejjed fi triq minghajr permess tali fatt ma jista' qatt jammonta ghal ksur tal-licenzja billi l-licenzja in kwistjoni ma fiha l-ebda kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni fir-rigward. ll-prosekuzzjoni kellha semmai izomm l-ewwel imputazzjoni ferma u impregudikata kontra l-appellanti ghaliex taht dik l-imputazzjoni u dik l-imputazzjoni biss seta' jinstab hati l-appellanti;

1.7. L-appellanti jirreferi ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Mejju, 2012 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Francis Pace fejn il-

fatti kienu simili ghalkemm mhux ghal kollox identici. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali irragunat illi: "Ma giet pre±entata ebda licenzja li fiha xi kundizzjoni li tippermetti t-tqeghid ta' mwejjed u siggijiet. Ma giet prodotta ebda prova li l-appellant kiser xi tali kundizzjoni ta' xi licenzja tail. L-uniku dokument li gie esebit [...] ma jikkontjeni ebda kundizzjoni dwar tqeghid ta' mwejjed u siggijiet. [...] Jidher li l-pulizija riedet takkuka lill-appellant bi ksur tar-regolament 15 (1) tal-A.L. 128 tal-2002 kif imsemmi fit-tahrika i±da dak ir regolament ma jippostula ebda licenzja operattiva jew xi ksur ta' xi kundizzjoni ta' licenzja kif tippostula t-tahrika b' tali mod li minkejja x' seta' kien il-hsieb tal-pulizija din il-Qorti ma tistax issib htija skond it-tabrika. Certament jebtieg aktar reqqa fir-redazzjonijiet tat-tahrikiet mill-pulizija."

1.8. Dan l-insejament japplika perfettament ghal ka± odjern billi l-akku±a korretta kienet dik kontenuta fl-ewwel imputazzjoni, Il l-prosekuzzjoni ghal ragunijiet liii taf hija biss irtirat. Jekk l-appellanti qieghed siggijiet u mwejjed minghajr permess u minghajr licenzja huwa ma kiser l-ebda kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni tal-licenzja proprju ghaliex il-licenzja ma ssemmi xejn dwar siggijiet u mwejjed u la darba l-licenzja ma tikkontjeni ebda kundizzjoni dwar tqeghid ta' siggijiet u mwejjed, l-appellanti ma seta' qatt jinstab hati li kiser tali licenzja. Fi kliem iehor jekk ma hemmx permess jew licenzja, ma jistax ikun hemm ksur ta' permess jew licenzja li ma hemmx;

1.9. Finalment, l-appellanti jirrileva illi r-referenza illi ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti ghas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta' Settembru, 2013 fl-ismijiet Il-Pulizija v. John Bugeja hija ghal kollox barra minn lokha. Dana ghal zewg ragunijiet: L-ewwel raguni hija illi l-mertu ta' dak il-kaz ma kienx dwar it-tqeghid ta' siggijiet u mwejjed u t-tieni raguni hija illi dak il-kaz kien dwar appell mill-Avukat Generali dwar il-piena erogata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

1.10. Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-appellanti umilment jissottometti illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' dan l-ewwel aggravju tieghu u thassar u tirrevoka s-sentenza appellata;

**2. It-tieni aggravju — l-aggravju dwar il-fatti**

2.1. Ghalkemm ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni xehdu illi l-incident li ta lok ghall-akkuzi sehh, dakinhar indikat fil-komparixxi ossija nhar it-13 ta' Settembru, 2016 ghal habta ta' 22.48 hrs, l-appellanti xehed illi dak in-nhar huwa kien imsiefer u gie lura Malta fit-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00 p.m.) u ghalhekk ma kienx fetah il-hanut in kwistjoni. Huwa spjega illi ma kellux hin sabiex jipprepara t-"tapas" li jservi flimkien max-xorb mill-istess hanut billi wasal Malta fil-hin li issemma u kien ghalhekk illi dakinhar ma kienx fetah il-hanut in kwistjoni. Bhala prova ta' dan huwa xehed illi il-gurnata kienet nhar it-Tlieta u huwa wera lill-Onorabbli Qorti tal-Magustrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kopja tal-biljett ta' l-ajru minn fuq il-"mobile phone" tieghu tant illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ivverbalizzat waqt l-udjenza ta' nhar is-17 ta' Marzu, 2017 illi ma kienx kontestat illi dakinhar ta' nhar is-16 ta' Settembru, 2016 l-appellanti wasal lura Malta fit-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00 p.m.);

2.2. F' dan ir-rigward l-esponenti jirrileva illi l-verzjoni tieghu hija aktar kredibbli u verosimili u l-prosekuzzjoni indikat data u gurnata hazina billi generalment il-pulizija jghamlu ronda fil-hwienet tal-Belt, Valletta matul il-"weekend" meta l-aktar ikun hemm nies jiffrekwentaw tali stabbilimenti u mhux matul il-gimgha. Inoltre huwa fil-"weekend" li gieli jinhargu xi siggijiet u mwejjed barra mhux matul il-gimgha fejn ix-xoghoi ikun pjuttost kwiet. L-appellanti spjega dana kollu lill-Onorabbhi Qorti tal-Magistrati (Malta). Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex l-appellanti ma kellux jigi emmnut;

2.3. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appellanti jsostni illi jekk kemm-il darba dina l-Onorabbli Qorti ma taqbilx ma' l-ewwel aggravju, huwa xorta wahda ghandu jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija billi jezisti dubju dettat mir-raguni dwar id-data u l-gurnata meta allegatament sehh ir-reat li bih gie akku±at u billi wkoll hemm verzjonijiet ghal kollox konfliggenti dwar tali data u gurnata;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti iressaq l-appell tieghu mid-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti fejn din sabet htija ghar-reat mahsub fl-artikolu 43(1)(b) tal-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta u dan meta iddecidiet illi huwa kien qieghed imwejjed u siggijiet fit-triq quddiem l-istabbiliment ta'l-ikel gestit minnu minghajr licenzja jew permess ghal dan il-ghan.

Illi l-appellanti jilmenta illi l-jum indikat fl-akkuza huwa erronju billi fit-13 ta' Settembru 2016 huwa qatt ma gie avvicinat mill-pulizija fl-istabbiliment tieghu gewwa Strada Stretta minhabba li kellu xi imwejjed u siggijiet barra minghajr permess. Jikkontendi li ghalkemm kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn huwa gie mitkellem minhabba dan in-nuqqas, madanakollu fil-jum indikat fl-akkuza jishaq illi huwa kien ghadu kemm irritorna mis-safar u dan fit-tlieta ta' wara nofs in-nhar biex b'hekk certament f'dak il-jum huwa ma kienx fetah il-hanut billi ma kienx ser ikollu bizzjjed hin jipprepara l-ikel. Illi fil-verbal tas-seduta tas-17 ta' Marzu 2017 quddiem l-Ewwel Qorti inghad hekk:

*"Il-Qorti mhux tikkontesta li l-imputat wasal Malta fit-3:00 ta' wara nofs in-nhar stante li dan kien ikkonfermat minn e-ticket li l-imputat wera aktar qabel."*

Illi waqt ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti l-appellanti jerga' jishaq illi dak in-nhar huwa kien imsiefer u irritorna fl-erbgha ta' wara nofsinnhar minn Milan. Ezebixxa dokument li jidher li intbaghat fuq l-email ta' certu Sara Brunetto fl-indirizz elettroniku yard32malta@gmail.com. Imkien fuq dan id-dokument ma jidher isem l-appellanti. Fix-xhieda tieghu jikkontendi illi quddiem l-Ewwel Qorti ghamel zball u xehed illi kien wasal lura fit-tlieta ta' wara nofs in-nhar. Izda din il-Qorti tinsab kemmxejn perplessa billi mill-verbal su-iccitat jidher illi l-appellanti kien wera xi *e-ticket* lill-Qorti fejn il-hin kien tat-tlieta ta' wara nofs-inhar u mhux l-erbgha kif mistqarr quddiem din il-Qorti. Il-Qorti ghalhekk

rinfaccjata b'din il-kontradizzjoni fit-testimonjanzi ta'l-appellanti, ma tistax taghti piz lil dak li qed jikkontendi billi ghalkemm quddiem l-Ewwel Qorti jissemma il-hin tat-tlieta ta' wara nofsinhar u mhux indikat lanqas il-provenjenza tat-titjira li wasslet lill-appellanti lura Malta, issa quddiem din il-Qorti jistqarr li l-hin kien l-erbgha, jezebixxi e-mail li tindika hin ta' titjira minn milan lejn Malta li kellha tasal fl-erbgha ta' wara nofs in-nhar u jezebixxi document fejn ma hemmx lanqas ismu indikat bhala passiggier. Mhux biss izda *ex admissis* in kontro-ezami jistqarr illi mal-wasla tieghu Malta huwa erhilha dritt lejn il-hanut ghalkemm jistqarr illi dan ghamlu biex ipoggi il-bagalji tieghu u mhux biex jiftah ghal kummerc.

Minn naha taghhom iz-zewg pulizija li jixhdu permezz tal-procedura ta'l-affidavit, u mhux kontro-ezaminati mid-difiza, huma precizi fid-dettalji li jaghtu fejn it-tnejn li huma jindikaw id-data bhala dik tat-13 ta' Settembru 2016 ghal habta tal-hdax neqsin kwart ta' fil-ghaxija u allura hafna sighat wara illi l-appellanti jallega li kien irritorna lura Malta. Din il-Qorti allura issibha difficli ferm temmen illi dawn iz-zewg ufficjali tal-pulizija setghu ghamlu zball fid-data. Illi kif inghad anke jekk *gratia argomenti* din il-qorti kellha temmen dak li qed jikkontendi l-appellanti xortawahda kienu ghaddew diversi sighat sakemm huwa gie mitkellem mill-pulizija u li allura seta facilment jiftah l-istabbiliment tieghu fil-hinijiet ta' fil-ghaxija biex iservi lill-klijenti. Fuq kollox kif jistqarr l-appellanti stess jidher illi l-unika gurnata fil-gimgha fejn ikun maghluq hija it-gurnata ta' Tnejn, meta dan l-incident sehh fil-gurnata tat-Tlieta. Kwindi ghal dawn il-motivi dan l-aggravvju qed jigi michud.

Stabbilit kwindi illi d-data indikata fuq l-akkuza hija id-data korretta tal-allegat vjolazzjoni tal-ligi, jifdal ghalhekk biex jigi trattat l-aggravvju ta' indoli legali fejn l-appellanti jikkontendi illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issibu hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu billi gjaldarba fil-licenzja ma kien hemm l-ebda kundizzjoni marbuta mat-tqeghid barra ta' imwejjed u siggijiet, kwindi ma

setatx tirrizulta ir-reita' ghal ksur minn naha tieghu ta' xi kundizzjoni imposta fuqu f'dik il-licenzja.

Illi huwa minnu illi l-appellanti messu gie akkuzat bir-reat ikkontemplat fir-regolament 15(1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 409.08 li jitkellem b'mod specifiku dwar il-vjolazzjoni imwettqa mill-appellanti meta hemm dispost:

*"Minghajr pregudizzju ghal kull regolamenti ohra applikabbli, hadd ma' ghandu jqieghed imwejjed jew ghamara ohra fuq barra xi stabbiliment turistiku, jekk qabel ma tkunx inhargitlu licenza ghal daqshekk mill-Awtorita."*

Madanakollu ma ifissirx b'daqshekk illi l-appellanti ma setax jigi imputat ukoll bir-reat taht l-Att li minnha johorgu dawn ir-regolamenti u cioe' il-Kapitolu 409 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-wiehed ma jeskludiex lil-iehor. Dan huwa imfisser fil-Legislazzjoni Sussidjarja innifisha meta fir-regolament 23 jinghad illi:

*"It-tharis tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti ghandu jitqies li jkun kondizzjoni li ghaliha tkun suggetta licenza biex tigi operata xi attivita turistika, irrispettivament jekk issirx riferenza ghal dawn ir-regolamenti fil-licenza nnifisha."*

Tant hu hekk li is-sub-inciz tnejn ikompli ighid illi:

*"Kull persuna li tonqos milli thares xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun hatja ta' reat, u tista' tehel il-multi u l-penalitajiet murija fl-artikoli 43 u 45 ta' l-Att."*

Premess allura dak li tghid il-ligi fir-rigward din il-Qorti ma tistax taghti ragun lill-appellanti meta ighid illi huwa ma kiser l-ebda kundizzjoni fil-licenzja tieghu u dan ghaliex il-licenzja ma titkellimx dwar tqeghid ta' imwejjed u siggijiet. Huwa appuntu minhabba f'din ir-raguni illi jirrizulta in-nuqqas ta' osservanza tal-licenzja mill-appellanti u dan billi l-licenzja tieghu ma tippermettielux illi

johrog l-imwejjed u is-siggijiet fl-ispazju pubbliku ghaliex li kieku dan kien il-kaz, kien ikun specifikatament indikat fil-licenzja tieghu. Illi allura gjaldarba huwa m huwiex ezenti milli josserva ir-regolamenti li huma *standard* bhal dawk tal-hinijiet tal-ftuh u id-daqq tal-muzika fost ohrajn, kwindi jekk huwa ma josservax dawk ir-regolamenti ikun awtomatikament qed jonqos milli ihares ir-regoli li jiggvernaw il-licenzja tieghu. Fil-fatt ix-xhud PL Quentin Tanti, rapprezentant tal-Malta Tourism Authority ighid hekk fix-xhieda tieghu dwar il-licenzja:

*"Fuq imwejjed u siggijiet m'hawn l-ebda informazzjoni infatti l-aktar li jkun hemm informazzjoni tkun fuq fol.15 fejn hemm il-licenzja tal-bar taht license conditions u jkun hemm imnizzel il-kundizzjonijiet li semmejt u jekk taqleb il-pagna hemm li kien hemm registered operator Alessandro Marcuzzi I.D.156793° u dan beda wkoll in effett mill-1 ta' Gunju 2016, kellu permit ghall-extension tal-business hours sal-erbgha ta' filghodu b'effett mill-11 ta' Novembru 2016 u dik hija l-ahhar kundizzjoni. Kieku jkun hemm permess ghat-tables and chairs ikun imnizzel f'din il-parti fejn ikun hemm ukoll l-encroachment number ghaliex l-ewwel wiehed irid igib encroachment mill-Lands imbaghad jinforma lill-MTA u titnizzel dik fil-licenzja tal-bar encroachment number permit for tables and chairs u l-isquare meters li fil-passat kien ikun by number of tables u llum il-gurnata by number of square meters* ***u f'dan il-kaz m'hawnx****."*

Maghdud dan allura din il-Qorti ma tistax taghti ragun lill-appellanti u qed tichad dan l-aggravvju.

Illi finalment ghalkemm l-appellanti ma iressaqx dan bhala aggravvju formali, madanakollu matul il-kors tat-trattazzjoni orali id-difensur tieghu jilmenta ukoll mill-fatt illi l-appellanti ma huwiex il-persuna li fuqha harrget il-licenzja u kwindi ma tistax tinstab htija ghar-reat taht l-artikolu 43 tal-Kap.409. Illi lanqas hawn din il-Qorti ma tista taghtih ragun. Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-ksur tal-licenzja jew ta' xi kondizzjoni taghha, jista' jigi attribwit lill-licencee fejn irrizulta mix-xhud tal-prosekuzzjoni li l-licencee tal-istabbiliment hu Dr. William Cuschieri. Madanakollu l-appellanti huwa registrat bhala operatur fuq id-*data*

*base* tal-Awtorita' Maltija tat-Turizmu, fejn allura billi hekk registrat huwa responsabbli ukoll, ghal xi nuqqas konsistenti fi ksur tal-licenzja mahruga mill-istess Awtorita'. Dan ghaliex il-ligi tiddefinixxi l-operatur bhala dik il-persuna "*li ma tkunx sid, li tkun intitolata li tħaddem dik l-attività turistika minn jeddha kif intitolata, direttament jew indirettament, minn sid.*"

Dan ma jistax hlief ifisser allura illi l-operatur jidhol fiz-zarbun tas-sid u allura tal-persuna illi f'isimha huwa licenzjat l-istabbiliment u jibqa' responsabbli ghal kull nuqqas ta' osservanza tal-licenzja gjaldarba il-post qed jitmexxa minnu minn jeddha.

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi kollha hawn fuq imfissra, l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(FT)Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur